**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 325/12**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Louisa Zammit**
**(ID 286368 (M))**

**Illum: 28 ta' Frar 2022**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputata **Louisa Zammit** ta' 41 sena, bint Mary Rose Spiteri, imwielda l-Pieta` fil-15 ta' Lulju 1968, residenti 7, Pinto, Flat 4, Triq Pietro Floriani, Floriana, detentriċi tal-karta tal-identita` bin-numru 286368(M);

Akkużata talli f'dawn il-Gżejjer, nhar il-5 ta` Awwissu 2010, kif ukoll fis-seba' xhur ta' qabel din id-data:

a) Forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga eroina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellha liċenzja mill-President ta' Malta mingħajr ma kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga u mingħajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellha liċenza jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellha liċenza li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 għall-

Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema reat sar fi jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew ċentra taż-żgħażagħ jew xi post ieħor fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) Ipproduċiet, biegħet jew xort'oħra ttraffikat fir-raża meħuda mill-pjanta cannabis, jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża, u dan bi ksir tal-artikolu 8(b) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi ċ-ċitazzjoni odjerna ġiet intavolata mill-Prosekuzzjoni fir-Reġistru ta' din il-Qorti fit-3 ta' Lulju 2012;

Rat ukoll illi l-kawża ġiet assenjata lill-Maġistrat sedenti, bl-assenjazzjoni tad-doveri tal-1 ta' Frar 2013;

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruħha għall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok għal dan il-każ kienu s-segwenti: Fil-5 ta' Awwissu 2010, Joshua Caruana volontarjament mar il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija u talab li jitkellem mad-*Duty Officer* mit-Taqsima ta' kontra d-Droga għaliex ried jagħti nformazzjoni importanti rigward traffikar ta' droga. Fil-fatt Caruana rrilaxxja stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva nhar il-5 ta' Awwissu 2010[1], liema stqarrija huwa kkonfermaha bil-ġurament tiegħu l-għada fis-6 ta' Awwissu 2010 quddiem il-Maġistrat (illum l-Onor. Imħallef) Dr. Consuelo Scerri Herrera[2]. Fil-mori ta' dawn il-proċeduri, l-istess Joshua Caruana xehed quddiem din il-Qorti, fejn għal

[1] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 21 sa 23 tal-proċess.
[2] Ix-xhieda ta' Joshua Caruana quddiem il-Maġistrat Dr. C. Scerri Herrera tinsab a fol. 25 sa 27 tal-proċess.

darb'oħra kkonferma l-istqarrija rilaxxjata minnu lill-Pulizija nhar il-5 ta' Awwissu 2010, kif ukoll ix-xhieda tiegħu quddiem il-Maġistrat Dr. Scerri Herrera.[3]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-Pulizija Eżekuttiva, Caruana jibda billi jammetti illi għandu problema tad-droga u illi jagħmel użu kemm mill-eroina, kif ukoll mir-raża tal-*cannabis*. Jgħid illi matul is-seba' xhur li ppreċedew ir-rilaxx tal-istqarrija tiegħu, huwa kien qiegħed f'relazzjoni ma' Louisa Zammit. Din ir-relazzjoni bdiet fil-Milied tas-sena 2009 u ntemmet fl-1 ta' Mejju 2010 wara li fi kliemu "*iggilidna glieda tajba w ma bqajniex flimkien*", għalkemm ir-relazzjoni mbagħad reġgħet kompliet fit-12 ta' Lulju 2010. Huwa jgħid illi Zammit wkoll għandha l-problema tad-droga eroina, u illi fix-xhur li huwa għamel magħha, din kienet tagħtih l-eroina mingħajr ma żżommlu flus. Qatt ma qaltlu minn fejn kienet iġġib l-eroina. Jgħid illi ġieli kellha anke ħamsin gramma raża tal-*cannabis* u illi lilu ġieli tagħtu r-raża, dejjem mingħajr ħlas, għaliex kien ikun magħha. Żied illi f'okkażjoni minnhom kienu b'vettura tal-marka Skoda meta marru jduru mas-swar tal-Belt Valletta u Zammit qdiet sitt persuni differenti bir-raża, bil-prezz ta' ħamsa u għoxrin ewro (€25) għal kull ħames grammi. Kompla jgħid illi madwar jumejn qabel ma resaq volontarjament sabiex irrilaxxja l-istqarrija tiegħu, Zammit bagħtitu jakkwista xi tliet jew erba' grammi eroina sabiex tbiegħhom, għaliex kellha bżonn il-flus. Jgħid li huwa aċċetta li jagħmel dan, stante illi hija hedditu li tkeskislu lil ċertu Pinu mill-Qrendi, li Caruana ddeskrivih bħala raġel kwiet, imma li jasal, u dan billi tivvinta storja u ġġelldu miegħu. Imbeżża' minn dan Pinu, huwa mar fejn id-*Diana Kiosk* fil-Belt Valletta, staqsa lil xi nies minn fejn seta' jakkwista l-eroina u hemm sab persuna ta' nazzjonalita` Għarbija, li qatt ma kien rah qabel, u li għaddielu tlett grammi għall-prezz ta' mija u tmenin ewro (€180). Minn hemm baqa' sejjer il-bandli tal-Furjana fejn jgħid illi ltaqa' ma' Zammit sabiex jgħaddilha d-droga u illi hi marret taqsamha f'pakketti ta' għoxrin ewro (€20) il-wieħed sabiex tbiegħhom. L-għada reġgħu ltaqgħu l-bandli tal-Furjana, fejn hija għaddietlu seba' pakketti, fil-waqt illi żammet sitt pakketti għaliha sabiex tbiegħhom. Jgħid illi huwa żamm dawn il-pakketti għall-użu tiegħu, u kkunsmahom kollha, għaliex kienu spiċċawlu d-DHCs li kien jixtri minn fuq l-idejn u kellu jaħraq l-eroina kollha li kienet tagħtu. Jgħid ukoll illi din id-droga sabha tajba ħafna u qalilha lil kien inkwetat li jekk tbiegħha, xi ħadd kien ser jispiċċa b'*overdose*, għal-liema skont hu, Zammit wieġbet illi dik ma kinitx problema tagħha. Caruana ċaħad illi rrilaxxja din l-istqarrija sabiex jivvendika ruħu minn Zammit u għaraf lil Zammit fuq ritratt li ġie muri lilu.

[3] Ara din ix-xhieda a fol. 36 sa 59 tal-proċess.

Nhar is-6 ta' Awwissu 2010, Caruana ikkonferma din l-istqarrija tiegħu quddiem il-Maġistrat Dr. C. Scerri Herrera. Huwa jżid illi ma kienx jaf nies oħra li jixtru mingħand Zammit, u illi huwa ġieli staqsiha dwar dan, iżda hi qatt ma tagħtu informazzjoni. Jgħid ukoll illi meta toħroġ tbiegħ id-droga, hija tieħu lit-tifel tagħha ta' seba' snin magħha, kif ukoll illi hija żżomm id-droga fil-bank tal-kċina. Lanqas ma kien jaf minn fejn iġġib id-droga. Jgħid illi jaf li hija prostituta, li taqla' l-flus minn dan il-mestier, li tirċievi l-benefiċċji soċjali u li għandha raġel li jismu Pinu ta' sittin sena, li jagħtiha l-flus fix-xahar. Jaf li l-fond fejn tirrisjedi kien bil-kera, kemm tħallas kera u li kienet tirċievi Lm40 fix-xahar mill-Gvern għall-istess. Jgħid ukoll illi hu u Zammit ma kinux jgħixu flimkien minħabba Pinu li kien imur għand Zammit kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ġimgħa, minkejja li huma kienu f'relazzjoni.

Caruana jgħid illi kien hemm biss okkażjoni waħda meta Zammit bagħtitu jakkwista d-droga, iżda ma kinitx tatu struzzjonijiet dwar fejn kellu jmur jew mingħand min kellu jinqeda. Dakinhar kien ħallas mija u tmenin ewro (€180) għad-droga u taha lil Zammit sabiex tbiegħha, iżda hu ma kienx ser jieħu sehem mill-bejgħ. Ma jafx x'għamlet bis-sitt pakketti li żammet, iżda għalkemm ftiehem magħha li kellha tħallsu lura, hija baqgħet ma tagħtux il-flus. Xehed ukoll illi Zammit kienet tagħtih pakkett eroina tal-għoxrin ewro (€20) kuljum, liema pakkett kien ikun fih 0.2 grammi. Kien hemm okkażjonijiet fejn ikkonsma d-droga waħdu u oħrajn fejn ikkonsmaha flimkien magħha. Huwa qatt ma biegħ droga. Fl-aħħarnett jiddikjara illi din kienet il-verita` kollha u illi kien jaf illi a bażi ta' din l-istqarrija setgħu jittieħdu passi fil-konfront tiegħu.

L-istess Joshua Caruana xehed f'dawn il-proċeduri fl-4 ta' Marzu 2015.[4] Jgħid illi in konnessjoni ma' dan il-każ, huwa ġie kkundannat sitt xhur priġunerija u illi kien skontahom. Bażikament huwa reġa' tenna dak li kien stqarr fl-istqarrija tiegħu ossia illi kien f'relazzjoni mal-imputata odjerna fis-sena 2010, illi sussegwentement argumentaw u "*dherli li kelli naghmel dan l-istatement*", illi l-imputata kienet tbiegħ id-droga, illi kien hemm okkażjoni li fiha bagħtitu jġib tliet grammi eroina mingħand wieħed Għarbi, li hija qasmithom f'pakketti u ħadet sitta hi u żamm ħamsa hu "*biex nnehhuhom*", li din id-droga ma daqqitlux għax dehrlu li kienet qawwija u illi "*Ghidt le din ha nzommha ghalija jien, ghidt ghax jien ma nistax naffordja li jmutli xi hadd*". Skont hu, huwa avża lill-imputata li kienet qawwija wisq u li seta' jmut xi ħadd biha, iżda lilha ma kienx jimpurtaha minn dan. Jgħid illi madankollu laħqet biegħitha għaliex ma nstab xejn għandha da parti tal-pulizija. Jgħid ukoll illi dawn il-pakketti għamlithom quddiemu d-dar tagħha, għalkemm wara jikkoreġi ruħu u jgħid illi m'għamlithomx quddiemu, iżda għamlithom quddiem it-tfal u illi "*ovjament quddiem it-tfal taghha ghax id-dar taghha, din kamra kellha, jigifieri t-tfal hemm kienu*". Dwar dan, wara li

[4] Ara a fol. 36 sa 63 tal-proċess.

nqratlu l-istqarrija, Caruana kkoreġa ruħu u qal li fil-fatt tagħtu seba' pakketti u hi żammet sitta. Jgħid illi nesa sforz it-trapass taż-żmien u l-ammont ta' pilloli li jieħu ta' kuljum. Huwa rrefera wkoll għal meta l-imputata ħarġet tbiegħ 50 gramma raża tal-cannabis mas-swar tal-Belt bil-prezz ta' €25 'il biċċa, f'liema okkażjoni kienu preżenti hu u iben l-istess imputata. Skont hu, dakinhar hija qdiet madwar sitt persuni u b'referenza għall-biċċiet li bdiet tbiegħ, huwa jgħid "*Kienu biċċiet kbar enormi*". Jgħid illi dak iż-żmien kemm hu, kif ukoll l-imputata kienu jabbużaw mid-droga eroina billi jaħarquha fuq il-*foil* u kienu wkoll ipejjpu l-*cannabis*. Żied jgħid illi fiż-żmien illi kien fir-relazzjoni magħha, id-droga kien iġibha mingħandha stess. Ġieli d-droga kienet tiġih b'xejn u ġieli kienet tiġih "*z-zalza għola mill-ħuta*" stante li kien jagħtiha xi ħames mitt ewro fix-xahar u dan għaliex kienet tgħidlu li kienet fil-bżonn. Skont hu, l-imputata għandha vizzju kbir tad-droga u kienet "*tiehu tal-biża'*". Jgħid ukoll li kien jagħtiha l-flus anke għad-droga li kienet tagħtih. Mistoqsi x'wasslu sabiex jirrilaxxja l-istqarrija fil-konfront tal-imputata, huwa jwieġeb "*Kont rrabjat ghaliha hux, il-verita*" u "*Propjament kienet vendetta passjonali hux. Nammetti*" u dan għaliex hija kienet weġġgħetu. Jgħid illi għalkemm kellhom relazzjoni flimkien, hija kellha raġel ieħor – "*ragel xih. Ikrah seba' pesti*" – li kienet ilha miegħu xi għaxar snin, filwaqt illi lilu qaltlu li ma kienet ma' ħadd. Kien dan li wasslu sabiex jagħmel l-istqarrija. Meta sar jaf tkisser, u skont hu, spiċċa Monte Karmeli u kien irrabjat wisq. Minkejja dan, skont hu ma vvinta xejn u din kienet il-verita` kollha. Jikkonferma l-istqarrija rilaxxjata minnu lill-Pulizija u x-xhieda tiegħu quddiem il-Maġistrat, u jgħid ukoll illi huwa qatt ma biegħ droga.

In kontro-eżami, huwa jgħid illi qabel irrilaxxja din l-istqarrija, kien hemm ħafna rapporti fil-konfront tiegħu u jikkonferma illi lejn l-aħħar, hu u l-imputata kienu argumentaw. Jikkonferma in oltre illi huwa rrilaxxja l-istqarrija tiegħu wara li l-imputata qaltu li kienet sejra l-għassa biex tagħmillu rapport.

Bħala parti mill-provi tad-difiża, ġew ippreżentati erba' rapporti li saru fil-konfront ta' Joshua Caruana – tlieta da parti tal-imputata u ieħor minn ċertu Philip Borg u dan bejn it-18 ta' Mejju 2010 u d-9 ta' Settembru 2010[5]. Dawn ir-rapporti huma dwar theddid, insulti, użu ta' vjolenza u ħsara volontarja.

**Ikkunsidrat:**

L-imputata rrilaxxjat stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva nhar il-11 ta' Awwissu 2010, wara li hija ngħatat is-solita twissija skont il-liġi u l-jedd illi tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tagħha, liema jedd hija għażlet li ma teżerċitahx.

[5] Ara 'Dok. NZX 1' sa 'Dok. NZX 4' a fol. 99 sa 112 tal-proċess.

Fl-istqarrija tagħha l-imputata għażlet illi ma tweġibx għall-maġġor parti tad-domandi illi sarulha u b'hekk ma għamlet ebda dikjarazzjoni li biha setgħet tippreġudika serjament il-pożizzjoni tagħha. Fl-istqarrija tagħha madankollu, l-imputata tirreferi wkoll għall-fatt illi kienet ilha minn Mejju tirċievi messaġġi ta' theddid mingħand Caruana u tgħid illi qabel huwa mar il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, kellhom argument jaħraq fuq it-telefon bejn it-3.00 p.m. u l-5.00 p.m. u kompla jheddida. Wara li mar il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, għall-ħabta tal-11.30 p.m., prova jisgassalha l-bieb ta' barra tad-dar u wara l-bieb sabet karta li kellha fuqha l-firma tiegħu u tal-Ispettur Theuma. Tgħid illi għamlitlu rapport tliet darbiet, u illi Caruana għamlilha ħafna vendikazzjonijiet.[6]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Permezz tal-imputazzjonijiet (a) u (b) l-imputata tinsab akkużata bir-reati ta' traffikar tad-droga eroina u tar-raża tal-*cannabis* u dan b'referenza għall-5 ta' Awwissu 2010 u s-seba' xhur ta' qabel din id-data.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi l-każ tal-Prosekuzzjoni jistrieħ interament fuq l-istqarrija ta' Joshua Caruana, kif ikkonfermatha minnu bil-ġurament, u x-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri. Mill-bqija l-Ispettur (illum Assistent Kummissarju) Dennis Theuma jixhed illi wara din l-istqarrija ta' Caruana, saret tfittxija fil-konfront tal-imputata odjerna nhar l-10 ta' Awwissu 2010, iżda ma nstab assolutament xejn illegali u lanqas xi oġġetti relatati mad-droga fil-pussess tagħha. Mill-provi prodotti ma jidhirx illi saret xi investigazzjoni ulterjuri, bħal per eżempju xi osservazzjonijiet fuq l-imputata sabiex jiġi determinat x'kuntatti din seta' kellha, jew jekk kinitx verament qegħda tbiegħ id-droga, kif jallega Caruana. Lanqas ma jidher illi ġie elevat il-*mobile phone* tal-imputata sabiex jiġi stabbilit jekk irċevietx jew bgħatitx xi messaġġi li setgħu kienu relatati mat-traffikar tad-droga.

Illi sabiex tasal għall-ħtija o meno tal-imputata, jeħtieġ illi l-Qorti tqis il-kredibilita` o meno li għandha tingħata lix-xhud Joshua Caruana, meta fl-istqarrija minnu ġuramentata u fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, huwa jgħid illi kien jakkwista d-droga eroina u r-raża tal-*cannabis* mingħand l-imputata u illi din kienet tbiegħ l-istess droga lil terzi persuni. Skont l-Artikolu 638(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, f'kull każ, ix-xhieda ta' xhud wieħed biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie pruvat minn żewġ xhieda jew aktar. L-Artikolu 637 imbagħad jiddisponi illi f'kwistjonijiet li jolqtu l-kredibilita` ta' xhud, għandu jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa, jekk hix konsistenti u ta'

[6] Ara a fol. 4 u 5 tal-proċess.

fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, jekk dik ix-xhieda hix imsaħħa minn xhieda oħra u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Ġie imbagħad ritenut illi mhux kull kunflitt fil-provi jwassal neċessarjament għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata, imma l-ġudikant irid jara lil min ser jemmen u f'hiex ser jemmnu u ma jemmnux, tenut kont tal-kriterji kontenuti fl-Artikolu 637 appena imsemmija (Qorti tal-Appell Kriminali, **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**, deċiża fid-9 ta' Lulju 2003).

In oltre skont l-Artikolu 30 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta persuna tkun xtrat jew xort'oħra kisbet jew akkwistat mediċina bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza, ix-xhieda ta' dik il-persuna fi proċedimenti kontra l-persuna li mingħandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-mediċina, m'għandhiex għalfejn tkun korroborata b'ċirkostanzi oħra. Imbagħad skont l-Artikolu 30A tal-Kap. 101, minkejja d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 661 tal-Kap. 9, meta xi persuna tkun involuta f'xi reat kontra dik l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni magħmula minn dik il-persuna u li tiġi konfermata bil-ġurament quddiem maġistrat, tista' tinġieb bi prova kontra kull persuna oħra akkużata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm il-darba jinstab li dik id-dikjarazzjoni tkun saret jew ingħatat volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew biża', jew b'wegħdiet jew twebbil ta' vantaġġi.

Fil-każ tal-lum, huwa proprju dan illi l-Qorti għandha quddiemha ossia x-xhieda ta' Joshua Caruana li permezz tagħha huwa kkonferma l-istqarrija oriġinarjament rilaxxjata minnu fejn indika lill-imputata bħala l-persuna li kienet tfornih bid-droga u tbiegħ id-droga lil terzi persuni.

Il-Qorti qieset bir-reqqa x-xhieda ta' Joshua Caruana u ċ-ċirkostanzi li wassluh sabiex jirrilaxxja din l-istqarrija fil-konfront tal-imputata. Qieset fuq kollox illi minkejja li ai termini tal-Artikolu 30 tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, din ix-xhieda m'għandhiex għalfejn tkun korroborata b'ċirkostanzi oħrajn, fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, ikun tassew perikoluż illi l-Qorti tistrieħ biss fuq ix-xhieda tal-istess Caruana sabiex issib ħtija fil-konfront tal-imputata odjerna.

Il-Qorti qegħda tqis primarjament u fl-ewwel lok dak li wassal lil Caruana sabiex jirrilaxxja din l-istqarrija fil-konfront tal-imputata. Fil-fatt ma kienx fil-kors ta' xi arrest illi Caruana provda lill-Pulizija bl-informazzjoni dwar il-fornitur tiegħu tad-droga, kif solitament isir, iżda minn jeddu u volontarjament l-istess Caruana ddeċieda li jmur ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija sabiex jirrapporta lill-imputata u jirrilaxxja din l-istqarrija u dan wara, kif jikkonferma huwa stess, l-imputata kienet għadha kif qaltlu illi kienet sejra l-għassa tal-Pulizija sabiex tirrapportah. In oltre skont l-istqarrija rilaxxjata mill-imputata, dan kollu seħħ wara li kellhom argument jaħraq fuq it-telefon. Jirriżulta wkoll mill-istqarrija tal-imputata illi dan l-argument seħħ bejn it-3.00 p.m. u l-5.00 p.m., u fil-fatt Caruana

rrilaxxja l-istqarrija tiegħu ftit wara, fis-6.45 p.m. Huwa wkoll evidenti illi Caruana kien tassew irrabjat fil-konfront tal-imputata meta rrilaxxja din l-istqarrija, tant illi fix-xhieda tiegħu huwa stess jammetti illi din "*kienet vendetta passjonali hux. Nammetti*" u illi "*Kont rrabjat ghaliha hux, il-verita*", kif ukoll illi "*din irrabjatni wisq*" u illi tant weġġgħetu li skont hu, spiċċa l-Isptar Monte Karmeli. Jirriżulta illi Caruana u l-imputata kienu f'relazzjoni intima għal perjodu ta' ftit xhur, liema relazzjoni lejn it-tmiem tagħha kienet karatterizzata minn ġlied bejniethom, tant illi f'dan il-perjodu u wara li ntemmet ir-relazzjoni, l-imputata irrapportat lil Caruana diversi drabi, kif jirriżulta mir-rapporti esebiti in atti. Fil-fatt mill-atti proċesswali jirriżulta wkoll illi fis-7 ta' Settembru 2010, l-imputata rrapportat ħsara fuq il-vettura tas-sieħeb tagħha, Philip Borg. Mir-rapport dwar il-każ, jirriżulta illi Caruana kien ammetta li kien hu li wettaq din il-ħsara. Fl-4 ta' Settembru 2010, l-imputata rrapportat inċident ieħor ta' theddid u insulti da parti ta' Caruana fil-konfront tagħha, li skont hi, mar anke ġewwa r-residenza tagħha, għamlilha l-ħsara u anke ħebb għaliha. Mill-istess rapport jirriżulta wkoll illi Caruana ammetta dwar l-aġir tiegħu meta mitkellem mill-Pulizija. F'Mejju tas-sena 2010, l-imputata għamlet rapport ieħor fil-konfront ta' Caruana, din id-darba dwar theddid illi kienet qed tirċievi mingħandu permezz ta' messaġġi fuq iċ-ċellulari tagħha u dan stante illi ried jitħallas lura ta' flejjes li huwa kien taha. Fuq kollox jirriżulta wkoll mix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, illi Caruana kien irrabjat għall-fatt illi l-imputata kellha raġel ieħor li kien ferm ikbar minnu fl-eta` u illi kien dan ukoll illi kien wasslu sabiex jirrilaxxja l-istqarrija tiegħu.

Illi Caruana ried jagħmel il-ħsara lill-imputata huwa evidenti mhux biss mill-fatt illi rrilaxxja din l-istqarrija fil-konfront tagħha, iżda wkoll minn numru ta' dikjarazzjonijiet li jagħmel. Hekk per eżempju, huwa jgħid illi l-imputata tbiegħ id-droga fil-presenza ta' binha ta' seba' snin, kif ukoll illi l-istess imputata qasmet id-droga eroina f'pakketti quddiem uliedha, meta huwa lanqas kien preżenti għal dan. Fir-rigwrad jgħid madankollu illi bilfors li għamlet hekk, għaliex ġewwa darha kellha biss kamra waħda. Skont hu, in oltre, minkejja li kien informa lill-imputata li d-droga illi kienet ser tbiegħ kienet qawwija wisq u illi għalhekk kien ikun aħjar li ma tbiegħhiex għaliex kienet perikoluża u setgħet toqtol lil xi ħadd biha, l-imputata ma tatx każ u qaltlu li din ma kinitx problema tagħha.

Dwar dan, irid jingħad ukoll illi fil-waqt li fl-istqarrija tiegħu, huwa jgħid illi żamm il-pakketti li l-imputata tagħtu għall-konsum tiegħu u dan għaliex kienu spiċċawlu d-DHCs li huwa kien jixtri fuq l-idejn, mill-banda l-oħra fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, huwa jgħid illi d-droga li tagħtu l-imputata kienet intiża għall-bejgħ – minkejja wkoll illi iżjed 'il quddiem huwa jgħid illi qatt ma biegħ droga - iżda stante li kienet qawwija, huwa ddeċieda li jżommha u jikkunsmaha hu għaliex ma riedx jieħu riskju li jmutlu xi ħadd!

Il-Qorti ma tistax ma tinnotax ukoll kif l-istess Caruana jagħti wkoll rendikont tad-dħul kollu tal-imputata u kif jallega li minkejja li kienet tirċievi l-benefiċċji soċjali, hija kellha dħul ieħor, kemm billi kienet taħdem ta' prostituta, kif ukoll mingħand Pinu li kien jagħtiha somma flus fix-xahar.

Il-Qorti tinnota wkoll illi anke f'ċerti dettalji li jagħti, Caruana jara kif jagħmel sabiex kemm jista' jkun, jitfa' l-ikreh dawl fuq l-imputata. Hekk per eżempju, meta jiddeskrivi kif l-imputata bdiet tbiegħ ir-raża tal-*cannabis* mas-swar tal-belt, u kif skont hu, kienet qed tbiegħ biċċiet tal-ħames grammi, dwar dawn il-biċċiet huwa jgħid illi "*Kienu biċċiet kbar enormi*" u meta jiddeskrivi l-vizzju tad-droga li kellha l-imputata huwa jgħid illi kienet "*tiehu tal-biża* "'.

F'dawn iċ-ċirkostanzi, tenut kont tal-animożita` ta' Caruana fil-konfront tal-imputata u l-motiv li huwa stess jammetti li waslu sabiex jirrilaxxja din l-istqarrija, kif ukoll illi m'hemm assolutament xejn iżjed fl-atti li jikkorobora dak li jixhed Caruana, il-Qorti tqis illi jkun ferm perikoluż li ssib ħtija fl-imputata unikament fuq ix-xhieda tal-istess Caruana. Il-Qorti hija tal-fehma illi f'ċirkostanzi fejn il-każ tal-Prosekuzzjoni jkun sorrett unikament minn xhieda ta' xhud wieħed, minkejja illi skont il-liġi din hija suffiċjenti sabiex tinstab reita`, u fejn ma jkunx hemm provi oħrajn korroborattivi, l-akbar ċirkospezzjoni mhux biss hija dovuta, iżda hija obbligatorja. Fil-każ odjern, imbagħad, tenut kont taċ-ċirkostanzi li fihom Caruana rrilaxxja u kkonferma l-istqarrija tiegħu, il-Qorti ma tqisx illi jkun *safe and satisfactory* illi tasal għal sejbien ta' ħtija fl-imputata odjerna.

Għaldaqstant, tqis illi l-imputazzjonijiet (a) u (b), inkluż għalhekk neċessarjament l-aggravju tad-distanza formanti parti mill-imputazzjoni (a), ma ġewx ippruvati fil-grad rikjest mil-liġi.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputata **Louisa Zammit** mhux ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha u qegħda tilliberaha minnhom.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat